



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Ġunju 2009 (18.06)
(OR. fr)**

**9303/2/08
REV 2**

PUBLIC 59

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
Ottubru 2007

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' l-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2007. Dan is-sommarju huwa akkumpanjat, fl-**Anness II**, b'dikjarazzjonijiet għall-minuti li huma disponibbli għall-pubbliku. Huwa jsemmi wkoll il-voti kontra u l-astensjonijiet eventwali, l-isjegazzjonijiet tal-votazzjoni, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni.
- fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħrajn¹ adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2007, b'referenza, fejn ikun il-każ, għar-riżultati tal-votazzjoni, l-isjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-pubbliku.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz ta' l-Internet fl-indirizz:
<http://consilium.europa.eu>, Taqsima "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Is-Sommarju (ta' kull xahar) ta' l-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill <http://register.consilium.europa.eu>.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' l-atti leġislattivi li huma awtentiċi (aċċessibbli permezz ta' l-indirizz ta' l-internet: <http://consilium.europa.eu>, Taqsima "Dokumenti", "Il-Minuti tal-Kunsill"). L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu jinkisbu mis-servizz tat-Trasparenza fl-indirizz transparency@consilium.europa.eu.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

OTTUBRU 2007				
TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2822 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), 9 ta' Ottubru 2007				
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqsa tas-sisa fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott fid-Dipartimenti extra-Ewropej tagħha u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/166/KE	12293/07		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja tar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità	13133/07		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: LV, LT, RO kontra: CZ, DK, SK, FI
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 318/2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor	13254/07		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: LV, LT, RO kontra: CZ, DK, SK, FI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa	PE-CONS 3640/07 + COR 1 (hu) + REV 1 (mt)	135/07 (PE, Kunsill, Kummissjoni) 136/07 (COM)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2007				
TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità	PE-CONS 3644/07 + COR 1 (lv) + REV 1 (bg)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2823 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI) 15 ta' Ottubru 2007				
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att tal-Kunsill li jadotta r-regoli applikabbli għall-fajls ta' analiżi ta' l-EUROPOL	12850/07 + COR 1 (fi) + COR 2 (pt) + COR 3 (ro) + COR 4 (sl) + COR 5 (ee) + REV 1 (cz) + REV 2 (hu)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlaq fis-suq intern li temenda d-Direttivi 7/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE	PE-CONS 3613/07 + COR 1 (fi) + COR 2 (de) + REV 1 (pl)		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2007				
TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJ IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Proċedura bil-miktub konklufa fis-17 ta' Ottubru 2007 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE skond il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba L-2815 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) 22 u 23 ta' Ottubru 2007 Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) nru 1947/2005 dwar l-assistenza nazzjonali mogħtija mill-Finlandja għaż-żrieragħ u ż-żerriegħa taċ-ċereali	12894/07 10059/07 12069/07 + REV 1 (lt)	143/07-150/07 (COM) 151/07 (CY, MT) 152/07 (CY) 153/07 (EL) 154/07 (FI)	unanimità unanimità maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni UK L-Istati Membri kollha favur L-Istati Membri kollha favur, minbarra astensjoni: DK, SE

OTTUBRU 2007				
TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONIJ IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral	12740/07 + REV 1 (lv) + COR 1 (mt)	155/07 (COM)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2040/2000 dwar id-dixxiplina tal-baġit	13259/07		unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tar-rekwiżit ta' rapport ta' espert indipendenti fl-okkażjoni ta' għaqda jew diviżjoni ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata	PE-CONS 3641/1/07 REV 1	156/07 (ES, MT)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra astensjoni: ES
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 rigward it-trasmissjoni tad-data tal-kontijiet nazzjonali	PE-CONS 3614/3/07 REV 3		maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' għajjnuna mill-istat għall-emerġenzi mill-awtoritajiet tar-Rumanija sabiex jiġu mitigati l-konsegwenzi tan-nixfa fl-2006/2007 fis-settur agrikolu	13500/07	157/07 (SE)	unanimità	L-Istati Membri kollha favur, minbarra astensjoni: CZ, DK, NL, SE

OTTUBRU 2007				
TITOLI TA' L-ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI IET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2826 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AMBJENT), 30 ta' Ottubru 2007 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004	PE-CONS 3627/2/07 REV 2	161/07 (NL, DK) 162/07 (MT) 163/07 (DE)	maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

L-2821 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONIJIET U ENERĠIJA), 1 u 2 ta' Ottubru 2007

DIKJARAZZJONI 132/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Konklużjonijiet fid-dawl tal-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni ta' l-ITU (WRC-07), b'segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni [COM(2007)371] u tinnota b'sodisfazzjon li l-Konklużjonijiet jesprimu appoġġ ġenerali għall-oġettivi li għandhom jintlaḥqu mill-WRC-07 kif identifikati fil-Komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea hija kuntenta li tinnota li l-abbozz tal-Konklużjonijiet jirreferi għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropea ta' Dċembru 2006 li fost affarijiet oħra jagħmlu sejħa għal "*approċċ koordinat għall-użu ta' kapaċità ta' spettru li ssir disponibbli bħala riżultat ta' bidla għad-diġitali*".

Madankollu, fir-rigward ta' punt wieħed - il-bidla ta' l-istatus regolatorju tas-servizz mobbli fil-faxxa UHF - il-Kummissjoni Ewropea temmen li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill jtilfu opportunità unika li jagħtu impetu lill-industrija sħiħa tal-wireless, minħabba li ma jippruvawx itejbu s-servizzi mobbli għall-istess status bħas-servizzi tax-xandir fil-faxxa UHF.

Dan għandu jgħin it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-introduzzjoni fl-UE ta' firxa ta' servizzi ġodda. Għandu jimmassimizza wkoll il-potenzjal għas-soċjetà u ekonomiku tal-faxxa tar-radju UHF li jirriżulta mis-sehem diġitali, fejn l-ispettru tar-radju qed isir disponibbli b'segwitu għat-tranżizzjoni għax-xandir diġitali. Barra minn hekk, dan għandu jippermetti lill-Ewropa tallinja ruħha ma' reġjuni oħra tad-dinja li diġà ħadu dan il-pass.

Il-Kummissjoni Ewropea jiddispjaċiha mill-fatt li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill mhumieks aktar ambizzjużi f'dan ir-rigward, kif propost mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Huma jonqsu milli jappoġġaw pożizzjoni ta' negozjar b'saħħitha mill-Istati Membri ta' l-UE fil-WRC-07.

Il-Kummissjoni Ewropea għalhekk tħoss li hemm riskju ta' dewmien serju fid-deċiżjoni regolatorja biex l-istatus tal-faxxa UHF jingiebs konformi ma' l-iżvilupp ta' servizzi ġodda u domanda tas-suq, u minkejja li qed isir disponibbli spettru f'din il-faxxa. B'konsegwenza, il-Kummissjoni tikkonsidra li din hija opportunità mitlufa biex isir kontribut għall-miri ta' Lisbona billi jiġu inneskati gwadanji fil-produttività permezz ta' l-introduzzjoni ta' l-innovazzjoni, u b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi tal-broadband wireless."

DIKJARAZZJONI 133/07

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

relatata mal-klawżola finali tal-Ftehim dwar il-Viża u r-Riammissjoni bejn il-KE u r-Repubblika tal-Moldova

Ir-Rumanija ttenni l-appoġġ tagħha għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-"Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra" u l-"Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni" u l-impenn tagħha għal applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tagħhom.

Ir-Rumanija temmen ukoll li permezz tas-sostanza tagħhom, il-Ftehim jikkontribwixxu għat-tisħiħ futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.

Fl-istess ħin, ir-Rumanija tissottolinja li l-parteċipazzjoni tagħha fil-ftehim imsemmijin ma timplika bl-ebda mod xi rikonoxximent jew aċċettazzjoni ta' l-isem tal-lingwa li ġiet imsejħa "Moldovan". Ir-Rumanija tfakkar li, skond il-fatti u evidenza xjentifika, inkluż l-interpretazzjoni ta' l-Akademija tax-Xjenza tar-Repubblika tal-Moldova (maħruġa f'Settembru 1994), l-isem korrett ta' din il-lingwa huwa r-Rumen.

DIKJARAZZJONI 134/07

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

relatata mal-klawżola finali tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-FSK

Ir-Rumanija ttenni l-appoġġ tagħha għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-"Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-FSK" u l-impenn tagħha li tapplika b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet tiegħu.

Ir-Rumanija temmen ukoll li permezz tas-sustanza tiegħu, il-Protokoll għal dan il-Ftehim jikkontribwixxi għat-tisħiħ futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.

Fl-istess ħin, ir-Rumanija tissottolinja li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ftehim permezz tal-Protokoll ma timplika bl-ebda mod kwalunkwe rikonoxximent jew konferma ta' l-isem tal-lingwa prevista bħala "Moldovan". Ir-Rumanija ttenni li, skond il-fatti u l-evidenza xjentifika, inkluża l-interpretazzjoni ta' l-Akkademja tax-Xjenza tar-Repubblika tal-Moldova (maħruġa f'Settembru 1994), l-isem korrett ta' din il-lingwa huwa r-Rumen.

DIKJARAZZJONI 135/07

Dikjarazzjoni trilaterali relatata mat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika 2008-2013

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

- huma ta' l-istess fehma li t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) għandu jingħata mezzi finanzjarji li jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu;
- ifakkru fl-Artikolu 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda¹, skond liema l-awtorità baġitarja u l-Kummissjoni jintrabtu li ma jiskorrux b'aktar minn 5% ta' l-ammont previst, sakemm ma jinqalgħux ċirkustanzi ġodda, oġġettivi u deġġiema li għalihom jingħataw raġunijiet speċifiċi. Kull żieda li tirriżulta minn tali varjazzjoni trid tibqa' fi ħdan il-limitu massimu eżistenti għall-intestatura kkonċernata;
- jiddikjaraw ir-rieda tagħhom li jivvalutaw b'mod korrett il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-programm fil-qasam tas-saħħa, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.

DIKJARAZZJONI 136/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

1. Fl-24 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni għamlet proposta emendata għat-tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa (2007 - 2013)². Fl-Artikolu 7, l-ammont ta' referenza tal-programm kien propost li jkun ta' EUR 365,6 miljun għal perijodu li jibda mill-2007 u li jispiċċa fl-2013.
2. Minħabba dewmien fil-proċedura leġiżlattiva, fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Awtorità tal-Baġit li l-bidu tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika ser ikollu jkun pospost għas-sena baġitarja 2008³. Bħala konsegwenza, il-pakkett tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika 2008 -2013 irid ikun aġġustat għal livell ta' EUR 321.5 miljun.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² COM(2006) 234.

³ COM(2007) 150.

3. L-ammont ta' EUR 44,1 miljun ser jintuża fis-sena baġitarja 2007 għall-programm kurrenti ta' Saħħa Pubblika¹ sabiex tkun żgurata kontinwità massima ta' l-azzjonijiet dwar is-saħħa pubblika. Għalhekk, il-pakkett kollu għall-azzjonijiet għas-saħħa pubblika iffinanzjati mill-programmi għal perijodu 2007 - 2013 ilaħħaq EUR 365,6 miljun.

L-2823 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI), 15 ta' Ottubru 2007

DIKJARAZZJONI 137/07

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"Il-Kunsill jitlob lill-Kumitat Speċjali dwar ATHENA biex jeżamina b'mod pożittiv it-talbiet ulterjuri rigward il-ħtiġijiet ta' l-operazzjoni EUFOR TCHAD/RCA li jistgħu jiġu indirizzati lill-mill-kmand ta' l-operazzjoni."

DIKJARAZZJONI 138/07

Dikjarazzjonijiet minn Franza

I

"Id-deċiżjoni meħuda fl-Azzjoni Konġunta dwar l-operazzjoni EUFOR TCHAD/RCA turi li għad hemm xi diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-ftehim li ntlaħaq f'Diċembru 2006 dwar ir-reviżjoni tal-mekkaniżmu ATHENA. Franza għalhekk titlob li ssir riflessjoni mill-aktar fis possibbli dwar din il-kwistjoni sabiex l-operazzjonijiet militari futuri ta' l-Unjoni ma jiġux kompromessi."

II

"B'kont meħud ta' l-importanza ta' l-istadju loġistiku għas-suċċess ta' l-operazzjoni EUFOR TCHAD/RCA, Franza tistieden lill-Istati Membri, li għandhom mezzi ta' trasport strateġiku, biex jikkontribwixxu għall-iskjerament tal-forza, notevolment billi jappoġġaw l-iskjerament ta' kontinġenti minn pajjiżi li m'għandhomx."

DIKJARAZZJONI 139/07

Dikjarazzjoni konġunta

"Il-Kunsill jaqbel li jeżamina, fil-qafas tad-diskussjonijiet futuri dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Lugano l-ġdida, il-possibbiltà li jagħmel dikjarazzjoni skond l-Artikolu II(2) tal-Protokoll 1 ta' dik il-Konvenzjoni.

Il-Kunsill hu tal-fehma li, meta dikjarazzjoni bħal din tiġi kkunsidrata, għandha tiġi eżaminata s-sitwazzjoni ta' l-Istati Membri kollha li r-regoli tagħhom dwar il-proċedura ċivili diġà jipprevedu dispożizzjonijiet partikolari rigward il-*litis denuntiata*."

¹ Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li taddotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p.1).

DIKJARAZZJONI 140/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar il-kondiviżjoni ta' l-ispejjeż tal-ġbir tad-dazji, dwar il-VAT u dwar l-istatistika taħt is-sistema ta' żdoganar ċentralizzat

Is-sistema ta' żdoganar ċentralizzat kif stabbilita fir-Regolament dwar Kodiċi Doganali Modernizzat adottat illum toħloq bidla sostanzjali fil-mod kif l-ispejjeż tal-ġbir tad-dazju jinżammu mill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri. Il-Kunsill jinnota li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali Modernizzat mhumiex marbuta direttament mal-kwistjoni ta' kondiviżjoni ta' l-ispejjeż tal-ġbir tad-dazju.

Madankollu, sabiex ma jkunx hemm dewmien fl-adozzjoni tal-Kodiċi Doganali Modernizzat minn naħa waħda, u biex jiġu evitati żbilanċi kbar fil-ġestjoni baġitarja ta' l-Istati Membri min-naħa l-oħra, il-Kunsill hu tal-fehma li għandu jitfassal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-fluss ta' l-ispejjeż tal-ġbir. Tali mekkaniżmu għandu jqis l-involviment prattiku ta' l-amministrazzjonijiet doganali u tat-taxxa fl-operazzjonijiet doganali marbutin ma' l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-merkanzija.

Dan il-mekkaniżmu għandu jiġi żviluppat fil-fora adatti u għandu jingħata status li jiżgura effett li jorbot legalment lill-Istati Membri.

Il-mekkaniżmu għandu jkun fis-seħħ saż-żmien meta l-Kodiċi Doganali Modernizzat jidħol fis-seħħ u għandu jkun operattiv saż-żmien meta l-Kodiċi Doganali Modernizzat ikun applikabbli.

Barra minn dan, il-Kunsill jinnota li s-sistema ta' żdoganar ċentralizzat tista' wkoll teħtieġ aġġustamenti fl-oqsma tal-VAT, l-istatistika, u projbizzjonijiet u restrizzjonijiet nazzjonali.

Il-Kunsill jaqbel li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu ċċarati fil-fora adatti, qabel ma d-dispożizzjonijiet dwar l-iżdoganar ċentralizzat fil-Kodiċi Doganali Modernizzat jidħlu fis-seħħ. Dan japplika partikolarment għall-kwistjoni tal-kondiviżjoni ta' l-ispejjeż tal-ġbir tad-dazju.

DIKJARAZZJONI 141/07

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni

Dwar il-valutazzjoni tat-tħaddim tas-sistema ta' żdoganar ċentralizzat

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali Modernizzat, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament tas-sistema ta' żdoganar ċentralizzat.

Abbażi tal-kontributi mill-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni ser jippreżentaw rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, ser tagħmel il-proposta eventwali għal bidliet legiſlattivi li tkun meħtieġa."

DIKJARAZZJONI 142/07

Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill

- Il-Kunsill jilqa' l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), li jappoġġa l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-Montenegro. Il-Kunsill jenfasizza li l-iffirmar ta' dan il-ftehim ma jippreġudikax il-pożizzjoni tiegħu dwar kif l-użu de facto kurrenti ta' l-euro mill-Montenegro ser jiġi ttrattat f'negozjati ta' adeżjoni possibbli fil-futur. L-użu attwali ta' l-euro mill-Montenegro, li ġie deċiż mill-awtoritajiet Montenegrini f'ċirkustanzi eċċezzjonali, huwa distint għal kollox minn sħubija fiż-żona euro.
- Il-Kunsill ifakkar li "euroizzazzjoni" unilaterali mhix kompatibbli mat-Trattat, li tipprevedi l-adozzjoni eventwali ta' l-euro bħala l-aħħar stadju ta' proċess ta' konverġenza strutturata fi ħdan qafas multilaterali.
- Stat Membru ta' l-UE ma jistax jadotta l-euro u jidħol fiż-żona euro mingħajr ma jissodisfa l-kriterji kollha definiti fit-Trattat. Dawn jinkludu l-kisba ta' grad għoli ta' konverġenza sostenibbli kif definita fit-Trattat.
- B'kont meħud ta' dak imsemmi hawn fuq, l-implikazzjonijiet tal-qafas tat-Trattat għas-sistema monetarja tal-Montenegro ser jiġu kkomunikati meta jasal il-waqt, mhux aktar tard miż-żmien ta' negozjati possibbli fil-futur għall-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea.

**L-2825 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD)
22 u 23 ta' Ottubru 2007**

DIKJARAZZJONI 143/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar l-Artikolu 47(1)

"Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinkorpora, mingħajr bdil, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 (kondizzjonijiet tax-xiri tal-pitravi zokkrija) fir-regoli implimentattivi li għandhom jiġu adottati."

DIKJARAZZJONI 144/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar l-obbligi ta' rappurtar fis-settur tal-kittien u l-qanneb

"Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imsemmi fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 1673/2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-kittien u fil-qanneb imkabbrin għall-fibra ser jiġi ppreżentat, kif previst f'dak l-Artikolu, ferm qabel il-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni rispettiva 2008/2009."

DIKJARAZZJONI 145/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar l-Artikolu 117(c)

"Rigward l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 68a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien ma' l-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tinkludi fir-regoli implimentattivi, id-dispożizzjonijiet meħtieġa kif attwalment jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 1952/2005 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 6 tiegħu."

DIKJARAZZJONI 146/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar is-sistemi ta' liċenzji għall-importazzjoni msemmijin fl-Artikolu 124

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-liċenzji għall-importazzjoni għall-ġestjoni tas-swieq agrikoli b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti li l-importazzjoni tagħhom hija attwalment soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja għall-importazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill bażiku rilevanti. Il-Kummissjoni għalhekk bi ħsiebha tivvaluta l-bżonn għal ħtiġiet ta' liċenzji għall-importazzjoni fid-dawl tas-sensittività tas-swieq konċernati u tikkunsidra t-tneħħija tal-ħtiġiet għal liċenzji biss meta jkunu jistgħu jintużaw mekkaniżmi ekwivalenti. F'tali każijiet, il-Kummissjoni ser tissorvelja b'attenzjoni l-effetti ta' deċiżjonijiet meħuda u ser tinforma lill-Kumitat ta' Tmexxija bir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha f'perjodu raġonevoli ta' żmien."

DIKJARAZZJONI 147/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar is-sistemi ta' liċenzji għall-esportazzjoni msemmijin fl-Artikolu 155

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-liċenzji għall-esportazzjoni għall-ġestjoni tas-swieq agrikoli b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti li l-esportazzjoni tagħhom hija attwalment soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja għall-esportazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill bażiku rilevanti. Il-Kummissjoni għalhekk bi ħsiebha li tivvaluta l-bżonn għal ħtiġiet ta' liċenzji għall-esportazzjoni fid-dawl tas-sensittività tas-swieq konċernati u li tikkunsidra t-tneħħija tal-ħtiġiet għal liċenzji għall-esportazzjoni biss meta jkunu jistgħu jintużaw mekkaniżmi ekwivalenti."

DIKJARAZZJONI 148/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar il-ħtieġa ta' oriġini Komunitarja għall-għoti ta' rifiżjonijiet ta' l-esportazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 160(7)(a)

"Il-Kummissjoni m'għandhiex l-intenzjoni, fiċ-ċirkostanzi attwali, li tbiddel l-istatus-quo legali fir-rigward tal-ħtiġiet ta' oriġini għall-għoti ta' rifiżjonijiet ta' l-esportazzjoni."

DIKJARAZZJONI 149/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar l-Artikolu 179(b)

"Il-Kummissjoni tiddikjara li fir-rigward taż-żejt taż-żebbuġa, żjieda fil-prezz tista' tiġi kkunsidrata li hija sinifikanti biss jekk il-prezz tas-suq għaż-żejt taż-żebbuġa fil-Komunità jeċċedi 1,6 darbiet tal-prezz medju mniżżel fl-Artikolu 30, waqt perijodu ta' mill-inqas tliet xhur."

DIKJARAZZJONI 150/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dwar arranġamenti ta' ħidma għall-Kumitat ta' Tmexxija wara l-adozzjoni ta' l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq unika

"Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) unika għandha l-għan li tgħaqqad il-21 OKS eżistenti f'qafas legali komprensiv. Dan l-approċċ loġikament jinkludi l-ħolqien ta' Kumitat ta' Tmexxija wieħed li jkun jissostitwixxi l-Kumitati ta' Tmexxija li attwalment joperaw fis-setturi differenti tal-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Il-Kummissjoni hija konxja sew ta' l-importanza tal-proċedura ta' Kumitat ta' Tmexxija biex il-Politika Agrikola Komuni taħdem sew. Il-ħtieġa legali għal Kumitati ta' Tmexxija biex jipparteċipaw fil-proċess ta' adoxxjoni ta' atti legali fil-livell tal-Kummissjoni tfittex l-għan li l-Istati Membri jkunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-PAK u, b'mod partikolari, fil-qasam tal-politika tas-suq, il-Kumitati ta' Tmexxija huma maħsubin biex jiżguraw li l-ħiliet esperti u l-esperjenza ta' l-Istati Membri jiġu kkunsidrati.

Il-Kummissjoni hi għalhekk determinata li ġġib lill-Kumitat ta' Tmexxija l-ġdid jaħdem b'tali mod li jiżgura l-kapaċità tiegħu li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod sħiħ. Billi dan jeħtieġ li l-ħila esperta ta' l-Istati Membri tkun rappreżentata adegwatament fil-kumitat il-laqgħat tiegħu jeħtieġu jiġu pprogrammati għaldaqstant. Barra minn hekk ir-regoli dwar ir-rimborż ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tad-delegati ta' l-Istati Membri għandhom jiġu adattati. Fl-istess ħin wieħed għandu jqis li l-arranġamenti ta' ħidma tal-kumitat ser jeħtieġu li jibqgħu jinżammu konformi mal-ħtiġijiet reali hekk kif jirriżultaw mill-evoluzzjoni tal-PAK.

évolution. Meta l-PAK tgħaddi minn bidliet li jaffettwaw il-ħtieġa għal diskussjonijiet fil-kumitat dawn l-arranġamenti għandhom jiġu adattati kif kien isir fil-passat¹.

¹ Għandu jiġi mfakkar f'dan il-kuntest li wara l-Aġenda 2000 u r-riforma tal-PAK ta' l-2003 n-numru ta' laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija li saru fil-qasam tal-politika tas-suq naqas minn 284 fl-2001 għal 218 fl-2006, jiġifieri bejn wieħed u ieħor b'24%.

B'dan fl-isfond u fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali jidher li jkun xieraq li jiġu organizzati l-mudelli ta' ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija uniku skond il-prinċipji li ġejjin:

1. Arranġamenti ta' ħidma b' "veloċità normali"

Skond il-prattika attwali l-laqqgħat għandhom ġeneralment isiru sa jumejn sħaħ fil-ġimgħa. Skond il-ħtieġa, eż. għal laqqgħa fil-qasam tal-mekkaniżmi kummerċjali, jista' jiġi previst jum ta' laqqgħa addizzjonali. Il-frekwenza tad-diskussjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet f'setturi speċifiċi ser tkompli tiddependi mill-ħtiġiet tas-setturi konċernati.

Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jorganizzaw tajjeb ir-rappreżentanza tagħhom fil-livell ta' kumitat, il-punti li jiġu ttrattati waqt laqqgħa ta' kumitat għandhom jintgħażlu sabiex jiġi żgurat li jkunu relatati biżżejjed ma' xulxin fir-rigward tas-sustanza tagħhom. Ikun għalhekk xieraq eż. li kwistjonijiet dwar produzzjoni ta' l-uċuh tar-raba' jkunu konċentrati f'laqqgħa waħda u dawk dwar il-produzzjoni ta' l-annimali jkunu f'laqqgħa oħra separata. Għar-rigward tad-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet f'setturi speċifiċi bħall-inbid, il-frott u l-ħxejjex jew uċuh tar-raba' speċjalizzati jkun jagħmel sens li jkunu previsti wkoll laqqgħat separati tal-Kumitat ta' Tmexxija.

F'każijiet meta jkun partikolarment importanti li jkun hemm rikors għall-ħiliet esperti u l-esperjenza ta' l-Istati Membri għandhom ikunu skedati laqqgħat ta' esperti speċifiċi għas-settur fil-qafas tal-Kumitat ta' Tmexxija uniku. Dan ikun japplika b'mod partikolari għal diskussjonijiet dwar abbozzi ta' regoli implimentattivi jew avvenimenti li jeħtieġu jiġu ttrattati b'aktar urġenza bħal disturbi tas-suq partikolari (eż. l-influenza avjarja). Skond kif ikun il-każ, jistgħu jitlaqqgħu aktar minn grupp ta' esperti wieħed bħal dan fl-istess jum. Il-grupp ta' esperti jgħaddi r-riżultati tad-diskussjonijiet tiegħu lill-kumitat li jieħu vot formali.

2. Perijodu ta' transizzjoni

Il-Kummissjoni hija konxja miċ-ċirkostanzi partikolari li x'aktarx jipprevalu matul il-fażi ta' transizzjoni bejn l-adozzjoni tar-regolament ġdid dwar l-OKS u l-applikazzjoni sħiħa tiegħu għas-setturi kollha¹. F'dik il-fażi l-Kumitat ta' Tmexxija l-ġdid u l-Kumitati ta' Tmexxija attwali marbutin mas-setturi eżistenti ser ikunu jeżistu flimkien. Dawn ta' l-aħħar ser iwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti fl-OKS eżistenti sakemm jiġu ssostitwiti mill-kumitat il-ġdid. Il-kumitat il-ġdid ser ikollu jiddiskuti dwar l-abbozz ta' regoli għall-implimentazzjoni ta' l-OKS unika l-ġdida u jivvota dwaru. Jidher li jkun raġonevoli, madankollu, li l-kumitati eżistenti marbutin mas-setturi jkunu involuti f'dak il-proċess ta' diskussjoni, billi dan il-metodu rriżulta li kien effettiv sew fil-proċess ta' implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK ta' l-2003. Jista' wkoll ikun partikolarment utli fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u ta' l-inbid ladarba l-proċessi ta' riforma rispettivi f'dawn is-setturi jkunu tlestew u waslu għall-implimentazzjoni.

¹ Għandu jiġi nnutat li l-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi għall-applikazzjoni ta' l-OKS unika sa mill-1.1.2008, ħlief għas-setturi li jaħdmu abbażi tas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni fejn OKS unika ssir applikabbli sa mill-bidu tal-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni rispettiva fl-2008.

F'każijiet adatti, eż. fir-rigward tad-diskussjoni dwar regoli implimentattivi orizzontali, jista' jkun hemm rikors għal gruppi ta' esperti. Huwa ovvju li f'tali każijiet il-vot formali dwar l-abbozzi tal-miżuri konċernati dejjem ikollu jittieħed fil-Kumitat ta' Tmexxija uniku.

3. Rimborż ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar

Minħabba l-kompetenzi wiesgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija uniku ser ikun hemm hteġa li l-Istati Membri jibagħtu numru adatt ta' delegati għal-laqqgħat ta' dak il-kumitat. Għalhekk il-Kummissjoni bi ħsiebha żżid in-numru ta' delegati li l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tagħhom jistgħu jiġu rimborżati kull laqgħa minn wieħed għal tnejn. Tali arranġament ikun jikkorrispondi għal dak li diġà japplika attwalment fir-rigward ta' kumitati orizzontali oħrajn bħall-Kumitat ta' Tmexxija għall-Pagamenti Diretti jew il-Kumitat tal-Fondi. L-Istati Membri jibqgħu liberi, madankollu, li jibagħtu aktar minn żewġ delegati dment li jħallsu l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar huma. Għandu jkun enfasizzat li kwalunkwe arranġament dwar ir-rimborż ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar japplika fil-limiti ta' l-appropriazzjonijiet tal-baġit disponibbli."

DIKJARAZZJONI 151/07

Dikjarazzjoni minn Ċipru, appoġġata minn Malta

"Ċipru spjega b'mod rigoruż u ripetuttivament ir-raġunijiet politiċi ta' sensittività kbira li ma jippermettulhux jagħti l-kunsens tiegħu għall-adozzjoni ta' numru ta' atti Komunitarji li kienu adottati skond ir-Regolamenti li għandhom jitħassru bl-Artikolu 195 tar-Regolament propost f'dan il-każ.

Għaldaqstant hawnhekk ikun suffiċjenti li għal darb'oħra jkun issottolinjat li nesprimu d-dispjaċir tagħna li numru ta' atti Komunitarji relatati ma' rifiżjonijiet ta' l-esportazzjoni li ġew adottati, jinkludu referenza għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv, b'mod li ż-żoni kkonċernati jirċievu trattament ekwivalenti għal destinazzjonijiet ta' pajjiżi terzi.

Tali trattament huwa, fil-fehma tagħna, kuntrarju għal-liġi primarja ta' l-UE, u b'mod partikolari l-Protokoll 10 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003. F'dan ir-rigward nixtieq niċċara li ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fih il-Gvern tar-Repubblika ma jeżerċitax kontroll effettiv huma parti mit-territorju tar-Repubblika ta' Ċipru, u bl-ebda mod ma jistgħu jkunu trattati bħala pajjiż jew territorju terz, kif imsemmi fl-atti Komunitarji kkonċernati. Dak li l-Protokoll 10 jiddikjara biċ-ċar li ġiet temporanjament sospiża l-applikazzjoni ta' l-acquis fiż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, u bl-ebda mod ma tagħti xi forma ta' status ta' pajjiż terz liż-żoni kkonċernati.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u minħabba l-fatt li l-atti Komunitarji li jinkludu tali referenza għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv jibqgħu validi abbażi ta' l-Artikolu 195 tar-Regolament propost ikkonċernat, Ċipru huwa obligat li jżomm il-kunsens tiegħu għall-adozzjoni tar-Regolament quddiemna."

DIKJARAZZJONI 152/07

Dikjarazzjoni minn Ċipru

IT-TIENI DIKJARAZZJONI MINN ĊIPRU (bl-EN biss)

"Further to the political agreement reached on the Proposal for a Council Regulation establishing a common organisation of agricultural markets and on specific provisions for certain agricultural products (single CMO Regulation), the Republic of Cyprus wishes to offer the following clarification on its position:

An understanding has been reached as to the terminology to be used in future Community acts related to export refunds, in order to ensure that future reference, in such acts, to the areas of the Republic of Cyprus in which the Government of the Republic of Cyprus does not exercise effective control, is in accordance with primary Community Law and in particular Protocol 10 of the Act of Accession 2003. Thus, such legal acts cannot, in any way, treat the areas in question in a manner similar to that of third country destinations, or give rise to any doubts as to their legal status.

This understanding enables Cyprus to give its consent to the adoption of the single CMO Regulation in the expectation that the Community acts already adopted, which continue to be valid on the basis of Article 195 of the proposed Regulation, will in due course, be substituted by new Community acts to the same effect, whose terminology will be in accordance with Protocol 10 of the Act of Accession 2003."

DIKJARAZZJONI 153/07

Dikjarazzjonijiet mill-Greċja

"Il-Greċja qiegħda tivvota favur il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli, iżda madankollu tikkondividi bis-sħiħ il-fehmiet tad-dikjarazzjoni ta' Ċipru.

Għal raġunijiet ta' prinċipju, nikkunsidraw li ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru, fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv, m'għandhomx jirċievu trattament ekwivalenti għal destinazzjonijiet ta' pajjiżi terzi, hi x'inhi r-raġuni."

DIKJARAZZJONI 154/07

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

"Il-kondizzjonijiet tal-produzzjoni tat-Tramuntana tal-Finlandja għandhom impatt speċjali fuq l-għelejjel prodotti hemmhekk. Ħafna varjetajiet imkabbra komunament fl-Ewropa Ċentrali ma jgħixux fil-kondizzjonijiet klimatiċi diffiċli tal-Finlandja. Sabiex tkun żgurata provvista ta' varjetajiet ta' żrieragħ adattati għall-agrikoltura Finlandiża, għandhom jiġu ggarantiti kondizzjonijiet operattivi għall-produzzjoni taż-żrieragħ. Għal dan il-għan, ser ikunu meħtieġa miżuri speċifiċi wkoll wara l-2010. Huma għandhom jiffurmaw parti minn miżuri ta' politika Komunitarji."

DIKJARAZZJONI 155/07

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

dwar ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

"Il-Kummissjoni tieħu nota tal-pożizzjoni unanima tal-Kunsill dwar il-kwistjoni ta' l-istabbiliment ta' miżuri ta' konservazzjoni li japplikaw fiż-Żona Regolatorja ta' l-Organizzazzjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Majjistral u l-adozzjoni unanima sussegwenti tat-test ta' kompromess tal-Presidenza. Il-Kummissjoni tkompli tikkunsidra l-proposta inizjali tagħha biex timplimenta miżuri ġodda ta' konservazzjoni u ta' infurzar fin-NAFO li jsiru obbligatorji għall-Komunità bi proċedura ta' Komitoloġija bbażata fuq l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, bħala l-approċċ xieraq f'dan il-każ.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-deċiżjoni meħuda dwar dan il-fajl ma tikkostitwix preċedent għal deċiżjonijiet futuri."

DIKJARAZZJONI 156/07

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Spanjola u dik Maltija

"Id-delegazzjoni Spanjola u dik Maltija jqisu li l-inklużjoni ta' tabella ta' korrelazzjoni fl-Artikolu 4.1 ta' din id-Direttiva tistabbilixxi obbligu legali li jmur lil hinn mill-Artikolu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-leġislazzjoni u mill-Artikolu 249 tat-Trattat KE li jindika li d-Direttiva torbot lill-Istati Membri destinatari kollha fir-rigward tar-riżultat li jrid jinkiseb, filwaqt li tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali."

DIKJARAZZJONI 157/07

Dikjarazzjoni mill-Isvezja

Għajnuna nazzjonali fir-Rumanija minħabba n-nixfa

"L-Isvezja hi ta' l-opinjoni li l-Kunsill m'għandux jintuża biex tinkiseb approvazzjoni ta' għajnuna mill-istat, meta jkun hemm il-possibbiltà li l-pjan ta' għajnuna mill-istat jiġi approvat mill-Kummissjoni. Proċedura mwettqa mill-Kummissjoni toffri garanziji xierqa fir-rigward ta' l-implimentazzjoni adatta tal-pjan ta' għajnuna mill-istat. Proċedura quddiem il-Kunsill ma toffri ebda garanzija ekwivalenti.

Għalhekk l-Isvezja ma tistax tappoġġa approvazzjoni mill-Kunsill rigward l-ġoti ta' għajnuna mill-istat skond it-talba Rumana. Madankollu, minħabba l-urġenza u l-importanza estrema ta' din il-kwistjoni għar-Rumanija, l-Isvezja ser tastjeni milli tivvota sabiex ma tibblokkax deċiżjoni."

L-2826 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AMBJENT), 30 ta' Ottubru 2007

DIKJARAZZJONI 158/07

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

"Inter alia għal raġunijiet pragmatiċi, huwa preferibbli li l-Komunità waħedha għandha tikkonkludi l-ftehim ma' l-Emirati Għarab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehim simili dment li jiġu konklużi skond u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.

Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxi preċedent fir-rigward ta' l-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehim minbarra dawk imsemmija hawn fuq, bħal, per eżempju, ftehim tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' l-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehim imħallta.

Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza Komunitarja ġdida safejn għandhom x'jaqsmu ftehim esterni dwar is-servizzi ta' l-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

DIKJARAZZJONI 161/07

Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Olandiża u dik Daniża

L-Olanda u d-Danimarka jilqgħu l-proposta għal Regolament dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata. Regoli mfassla apposta u armonizzati għal din il-kategorija ta' prodotti ser itejbu l-aċċessibbiltà u s-sigurtà ta' dawn il-prodotti avvanzati teknoloġikament.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-kombinazzjonijiet kollha ta' tagħmir mediku b'ċelloli vijabbli ser jiġu kklassifikati bħala prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata. Dan ser ifisser li n-natura tal-materjal ser tiddetermina liema reġim ta' prodotti huwa applikabbli. L-Olanda u d-Danimarka jiddispjaċihom dwar dan.

L-Olanda u d-Danimarka enfasizzaw b'mod persistenti l-importanza tal-mod ta' azzjoni prinċipali għall-iskop intenzjonat bħala l-prinċipju ta' gwida li għandu jiddetermina liema reġim regolatorju huwa applikabbli għal prodott speċifiku. Dan il-prinċipju ta' gwida ta prova tal-valur tiegħu matul l-aħħar għexieren ta' snin bħala l-pedament tad-delinjazzjoni bejn diversi kategoriji ta' prodotti, bħall-farmaċewtiċi, it-tagħmir mediku, il-kosmetiċi u l-prodotti ta' l-ikel.

Waħda mill-aktar xejriet importanti fl-iżvilupp tal-prodotti hija l-kombinazzjoni ta' aktar minn teknoloġija waħda fi prodott wieħed. B'riżultat ta' din il-"konverġenza ta' teknoloġiji", in-numru ta' prodotti li ser ikunu diffiċli li jiġu kklassifikati f'qafas regolatorju speċifiku ser jiżdiedu b'mod sostanzjali. Kriterju konsistenti, ċar u li jilqa' għal dak li jista' jseħħ fil-ġejjieni għall-assenjazzjoni tal-prodotti fi struttura regolatorja huwa għalhekk meħtieġ.

L-Olanda u d-Danimarka jixtiequ jisħqu li l-approċċ magħżul fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' tagħmir mediku b'ċelloli vijabbli u/jew tessuti huwa eċċezzjoni għall-approċċ stabbilit tajjeb li jeżisti illum fis-settur mediċinali u dak tat-tagħmir mediku. Il-mod ta' azzjoni prinċipali għall-iskop intenzjonat għandu jibqa' l-prinċipju ta' gwida fil-każijiet futuri l-oħra kollha.

DIKJARAZZJONI 162/07

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Maltija

Malta tirrikonoxxi l-importanza li jkun hemm prodotti mediċinali ta' terapija avanzata regolati f'qafas regolatorju speċifiku, li permezz tiegħu l-prodotti jiġu evalwati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u jitqiegħdu fis-suq skond il-proċedura ċentralizzata.

Minkejja dan, Malta ssostni li prodotti mediċinali li fihom jew huma derivati minn ċelloli ta' l-embrijonu jew tal-fetu tal-bniedem, ċelloli ġerminali primordjali jew ċelloli derivati minn dawk iċ-ċelloli ma kellhomx jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar prodotti mediċinali ta' terapija avanzata. Malta ssostni bis-sod li ma taqbilx ma' kwalunkwe forma ta' estrazzjoni ta' ċelloli staminali ta' l-embrijoni tal-bniedem minn embrijoni ħajjin, anke jekk iffriżati.

B'mod iktar speċifiku, Malta ma taqbilx ma' l-esperimentazzjoni fuq il-linji eżistenti ta' kloni ta' ċelloli staminali ta' l-embrijoni tal-bniedem disponibbli fis-suq, għal raġunijiet ta' kompliċità. Madankollu, Malta m'għandha l-ebda problema etika meta ċelloli staminali adulti, inklużi ċelloli staminali tad-demm tal-kurdun ombelikali jiġu użati għall-produzzjoni ta' prodotti mediċinali.

Minkejja dan, Malta tinnota li l-Artikolu 28(2) tar-Regolament dwar prodotti mediċinali ta' terapija avanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE jafferma li din id-Direttiva u r-Regolamenti kollha msemmija fiha m'għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-użu ta' kwalunkwe tip speċifiku ta' ċelloli tal-bniedem jew ta' l-annimali, jew il-bejgħ, il-forniment jew l-użu ta' prodotti mediċinali li fihom, jikkonsistu minn jew huma derivati minn dawn iċ-ċelloli.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Matul il-Presidenza tagħha, il-Ġermanja ħadmet b'mod intensiv għal ftehim dwar il-kontenut tar-Regolament u għall-approvazzjoni rapida tiegħu. Minkejja l-qbil inkondizzjonali korrispondenti tagħna mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, ninnutaw b'dispijaċir li t-traduzzjoni bil-Ġermaniż ta' dan l-att legali daqstant importanti, maħruġa mis-Servizz Legali, fiha nuqqasijiet gravi billi ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-lingwaġġ tekniku u ġuridiku fl-ambitu lingwistiku Ġermaniż. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-formulazzjonijiet bl-Ingliż "Marketing Authorization" u "Summary of Product Characteristics" tradotti bi-Ġermaniż bil-formulazzjonijiet "Genehmigung für das Inverkehrbringen" u "Zusammenfassung der Merkmale des Arzneimittels" rispettivament, li fil-lingwaġġ tekniku u ġuridiku Ġermaniż ma jintużawx, u saħansitra jitsgħu jinftehimu ħażin. Dawn il-formulazzjonijiet bl-Ingliż jistgħu jiġu tradotti korrettament u inekwivokabbilmment għall-parteċipanti kollha fis-suq biss permezz ta' l-espressjonijiet "Zulassung" u "Fachinformation" rispettivament. Fil-Ġermanja, wara dan, dawn l-espressjonijiet ser jintużaw fil-futur kif ukoll fir-rigward tal-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, il-Ġermanja ser tkompli taħdem biex fil-proposti futuri għat-tħejjija u r-rielaborazzjoni tal-liġijiet Ewropej dwar il-prodotti mediċinali jintużaw dawn it-termini fil-verżjonijiet bil-Ġermaniż u titlob ukoll lill-Kummissjoni minn issa biex tiegħu kont debitu ta' dan fl-amibut tal-formulazzjoni tal-liġijiet futuri.

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2821 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONIJIET U ENERĠIJA), 1 u 2 ta' Ottubru 2007 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni ta' l-ITU 2007 (WRC-07)" Dok. 11991/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-New Zealand dwar il-parteciġazzjoni tan-New Zealand fil-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) Dok. 10618/07 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/113/PESK li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali Dok. 12332/07 + COR 1 (fi) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li testendi l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK dwar iktar miżuri b'sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY) Dok. 12688/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Gżejjer Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Partenarjat AKP-KE u l-Artikolu 37 ta' l-Istrumenti ta' Kooperazzjoni fl-Iżvilupp Dok. 12708/07 + COR 1 (fr) Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment ta' Ċentru ta' Data ta' l-Unjoni Ewropea għall-Identifikazzjoni u l-Insewiment f'Distanza Twila (LRIT) Dok. 13030/07 Konklużjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sigurezza ta' l-ajruporti fl-Ewropa" Dok. 13161/07	dikjarazzjoni: 132/07 (COM)

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2822 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), 9 ta' Ottubru 2007	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2007 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati (2000-2004) Dok. 13171/07 + COR 1	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi Dok. 12758/07	dikjarazzjoni: 133/07 (RO)
Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll mal-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni (FPK) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-FPK Dok. 11754/07	dikjarazzjoni: 134/07 (RO)
Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo Dok. 12686/07	
Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan Dok. 12771/07	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea Dok. 13038/07 + COR 1	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: 'L-iżgurar ta' l-effikaċja ta' l-arma preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir' Dok. 13337/07	

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwalità tal-Finanzi Pubbliċi: l-immodernizzar ta' l-amministrazzjoni pubblika Dok. 13316/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: "Regolamentazzjoni aħjar" fl-UE - Progress li sar bit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi Dok. 13286/1/07 REV 1 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: 'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "Lejn Prinċipji Komuni ta' Flessigurtà: Aktar impjiegi u impjiegi aħjar permezz tal-Flessibbiltà u s-Sigurtà" Dok. 13287/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Clearing u Ħlas Dok. 13313/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar: Tisħiħ ta' l-arranġamenti għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE Dok. 13359/2/07 REV 2 Proċedura bil-miktub konklużi fl-10 ta' Ottubru 2007 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni Dok. 12752/07 L-2823 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI) 15 ta' Ottubru 2007 REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jimponi dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' lampi florexendenti kompatti elettroniċi u integrati (CFL-i) li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara revizzjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 u li jestendi għall-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mibgħuta mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan u r-Repubblika tal-Filippini Dok.13040/1/07 REV 1	<i>dikjarazzjoni: 133/07 (RO)</i>

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati Dok. 12641/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija Dok. 13101/07 + REV 1 (es) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija Dok. 13104/07 + REV 1 (es) Pożizzjonijiet komuni ta' l-UE bil-ħsieb tal-Konferenza ta' Adeżjoni li jmiss mal-Kroazja Dok. 13772/07 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u r-Repubblika Afrikana Ċentrali Dok. 12459/07 + REV 1 (en) Strateġija ta' l-UE dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ: It-tisħiħ ta' l-appoġġ ta' l-UE għall-ħtiġijiet relatati mal-kummerċ f'pajjiżi li qed jiżviluppaw Dok. 13070/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali Dok. 12247/07 + REV 1 (hu) + REV 2 (lt) + REV 3 (it) + REV 4 (de) + REV 6 (pt) + REV 7 (pl) + REV 8 (lv)	dikjarazzjoni: 137/07 (Kunsill) 138/07 (FR) dikjarazzjoni: 139/07 (konġunta)

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Pożizzjoni komuni adotta mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi doganali modernizzat) Dok. 11272/07 + COR 1 (fr) + COR 2 + REV 1 (nl) + REV 1 COR 1 (nl) + REV 2 (fi) + REV 3 (hu) + REV 5 (fr) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twertiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni Dok. 10076/6/07 + COR 1 (el) + COR 2 (it) + COR 3 + REV 1 (fr) + REV 1 COR 1 (fr) + REV 2 (bg) + REV 2 COR 2 (bg) + REV 3 (lv) + REV 3 COR 1 (lv) + REV 4 (nl) + REV 5 (da) + REV 6 ADD1 + REV 7 (lv) Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ksieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE Dok. 10537/07 + REV 1 (fi) + REV 2 (ee) + ADD 1 COR 1 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra Dok. 11567/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim Provviżorju dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra Dok. 11569/07 + COR 1 L-2824 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI U RELAZZJONIJIET ESTERNI) 15 u 16 ta' Ottubru 2007 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Uzbekistan Dok. 13568/1/07 REV 1	dikjarazzjoni: 140/07 (Kunsill) 141/07 (Kunsill, KUMM) kontra: MT dikjarazzjoni: 142/07 (Kunsill)

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-Ċad, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u s-Sudan Dok. 14057/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/il-Mjanmar Dok. 13783/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran Dok. 13769/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent Dok. 13558/1/07 REV 1	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja Dok. 13850/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq Dok. 13697/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Paċi fil-Lvant Nofsani Dok. 13698/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libanu Dok. 13842/07	
L-2825 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), 22 u 23 ta' Ottubru 2007	
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-kummerċ tal-manjoka Dok. 13380/07	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2007 dwar l-infiq ta' l-Istituzzjonijiet fuq bini Dok. 13525/07	

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja Dok. 13372/07 Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar Dok. 12903/07 Regolament tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Federazzjoni Russa Dok. 12906/07 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa, u l-Istat ta' Israel, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea Dok. 12412/07 L-2856 laqha tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AMBJENT), 30 ta' Ottubru 2007 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru Dok. 10439/07 REV 4 Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju defenittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja, wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 Dok. 13355/07	dikjarazzjoni: 158/07 (Kunsill, KUMM)

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill li jirrevoka d-dazji ta' antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom u li joriġinaw fit-Tajwan u li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom kif ukoll li jirrevoka d-dazji kompensatorji imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 960/2003 tat-2 ta' Ġunju 2003 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw mill-Indja, li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom u li jtemm il-proċediment li jirrigwardahom Dok. 13521/07 + REV 1 (It) Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa u li jirrevoka l-miżuri antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mit-Tajlandja u mit-Turkija Dok. 13349/07 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar l-akkoljenza temporanja mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani Dok. 13617/07 Deċizzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija Dok. 13197/07 Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija Dok. 13199/07 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfiet Dok. 13888/07	

OTTUBRU 2007	
ATTI OĦRAJN	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bidla fil-klima: Tħejjijiet għat-13-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 13) għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u t-3 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kyoto (CMP 3) (Bali, 3-14 ta' Diċembru 2007) Dok. 14632/07	